

Brussell, 7 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9199/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0116 (NLE)

ACP 57
WTO 82
COAFR 108
RELEX 659

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim
----------	--

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat tal-FSE
stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana,
minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra,
fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika *Interim* bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") fi Brussell fit-28 ta' Lulju 2016. Il-Ftehim ilu qed jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u l-Ghana mill-15 ta' Diċembru 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 73(3) tal-Ftehim, il-Kumitat tal-FSE huwa responsabbli għall-amministrazzjoni fl-oqsma kollha koperti mill-Ftehim u t-twettiq tal-impenji kollha msemmija fil-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 59(1) tal-Ftehim, il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim għandhom ikunu rregolati mir-Regoli tal-Proċedura li għandhom ikunu adottati mill-Kumitat tal-FSE fi żmien tliet xhur mit-twaqqif tiegħu.
- (4) Il-Kodiċi ta' Kondotta msemmi fl-Artikolu 64(2) tal-Ftehim jistabbilixxi prinċipji ta' gwida, drittijiet u obbligi li l-arbitri jridu jikkonformaw magħhom. Huwa xieraq li l-Kodiċi ta' Kondotta, li huwa applikabbli għall-arbitri, japplika għall-medjaturi, *mutatis mutandis*.
- (5) Il-Kumitat tal-FSE għandu jadotta deċiżjoni fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim fit-tieni nofs tal-2022.

¹ ĠU L 287, 21.10.2016, p. 3.

- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-FSE fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, peress li d-deċiżjoni prevista tal-Kumitat tal-FSE ser tistabbilixxi regoli legalment vinkolanti li jirregolaw is-soluzzjoni tat-tilwim li ser ikunu applikabbli għall-Unjoni.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-FSE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Ghana, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha..

Magħmul fi....,

Għall-Kunsill

Il-President
